# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 542

L-Erbgħa, 23 ta' Frar, 2022

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Paul Mizzi- Viċi Sindku
Horace Vella – Kunsillier
Frankie Attard – Kunsillier
Abigail Micallef – Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ

SKUŻAT:

Alvin Grech – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

George Refalo – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Pjazza Orvieto, Ta' Kercem KCM 1360, Gozo**
*Tel:* **21563666** *Fax:* **21563888**
*e-mail:* **kercem.lc@gov.mt**

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-Laqgħa.

## 542.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

542.1.1 Il-Laqgħa bdiet fil-ħamsa(5p.m.) ta' filgħaxija. Intqalgħet it-talba tal-bidu. Wara d-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-ittra ta' apoloġija mibgħuta mingħand is-Sur Alvin Grech u l-Membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija rispettiva.

## 542.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

542.2.1 Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv rispettivament.

## 542.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

542.3.1 Is-Sindku Mario Azzopardi ta merħba lill-Membri preżenti filwaqt li rringrazzjahom talli attendew għal-Laqgħa minkejja l-ħafna mpenji li jkollhom.

542.3.2 Is-Sindku beda billi rringrazzja f'ismu u f'isem il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem lill-Ministru għal Għawdex, il-Perit Clint Camilleri u lis-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej, Dr Stefan Zrinzo Azzopardi li akkumpanjati mid-Direttur Ġenerali Vicky Xuereb u d-Direttur Joseph Cutajar u flimkien miegħu u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv, nhar it-Tnejn, 21 ta' Frar, 2022 ġiet inawgurata l-ewwel fażi tal-Park ta' Qasam San Ġorġ li jikkonsisti fit-tlestija tal-ġibjun li sar kollu minn Fondi tal-Unjoni Ewropea bil-għan li jilqa' fih l-ilmijiet tax-xita sabiex din ir-riżorsa naturali tintuża kemm għall-istess Park kif ukoll għall-bdiewa tal-madwar skont il-ħtieġa.

542.3.3 Is-Sindku, ingħaqad ma' sħabu s-Sindki fi ħdan ir-Reġjun Għawdex sabiex irringrazzja lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi, Dr Byron Camilleri, kif ukoll lill-Kumissarju ta' Pulizija u lis-Supretendent tal-Pulizija tad-Distrett ta' Għawdex u l-Uffiċjali kollha responsabbli mill-*Community Policing* filwaqt li stqarr li kollox jindika li dan il-proġett kien suċċess ġewwa Għawdex għax jidher li mhux biss intlaqa' tajjeb mill-pubbliku iżda ukoll ir-residenti apprezzaw ħafna l-preżenza ta' dawn l-Uffiċjali li filwaqt li jduru mal-Lokalità sabiex jintroduċu lilhom infushom qiegħdin jitkellmu mar-residenti, jinfurmawhom dwar il-ħidma tagħhom kif ukoll jagħtuhom id-dettalji fejn kull resident ikun jista' jikkomunika

magħhom f'każ ta' bżonn jew biex jirraporta xi inċident, kif ukoll għarraf lill-Kunsill li fi ħdan ir-Reġjun Għawdex kien ġie deċiż li għandha tintbagħat Ittra ta' ringrazzjament lill-Uffiċjali kollha tal-Pulizija responsabbli minn dan il-*Community Policing* bħala apprezzament tal-ħidma tagħhom fi ħdan il-Lokalitajiet ta' Għawdex.

542.3.4 Ukoll, is-Sindku rringrazzja f'ismu u f'isem il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv, George Refalo tal-ħidma tiegħu fi ħdan il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem li waslet biex tintemm u li konvint li minkejja d-diffikutajiet kollha li nqalgħu, kienet ħidma qalbiena ta' persuna li llum tista' titqies bħala Kerċmija u li tirrifletti l-imħabba reċiproka li għandu lejn il-Lokalità adottiva tiegħu bl-impenn sabiex tkomplew u saħansitra ser isiru proġetti ġodda ġewwa l-Lokalità tant li bi pjaċir ħabbar li l-applikazzjoni sottomessa mill-ġdid b'rabta mal-iSkema Fondi LESA - Proġetti fil-Komunitajiet (Proġetti 2022) kienet ġiet milqugħa u l-Kunsill Lokali Ta' Kerċem ġie infurmat li ser jingħata sa massimu ta' €80,000 li ser jintużaw għall-Proġett li ser jiġi diskuss aktar 'il quddiem matul il-Laqgħa, fl-istess waqt li stqarr ukoll li huwa konvint li kull meta l-Kunsill ser jitlob l-għajnuna tas-Sur Refalo, fil-futur kemm bħala Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun jew Deputat Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill, kif ukoll bħala Kerċmi, kien konvint li dejjem ser isibha.

542.3.5 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv filwaqt li aċċenna għall-fatt li llum jista' jingħad li ma kienet xejn kumbinazzjoni li l-ewwel Laqgħa ta' din il-Leġislatura kien attenda għaliha proprju hu fin-nuqqas ukoll tas-Segretarju Eżekuttiv, irringrazzja lir-Rispettabbli Sindku, lill-Viċi Sindku u lill-Kunsilliera kollha tal-Lokalità flimkien ukoll mal-Abaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ tal-fiduċja li dejjem urew fih u tar-rispett kbir li dejjem ra mingħandhom minkejja kollox, filwaqt li stqarr li xtaq li seta' ħadem aktar kieku l-impjegati oriġinali tal-Kunsill baqgħu kollha jew ossia żdiedu bl-inklużjoni tal-iSteward kif wara kollox kulħadd hekk xtaq.

542.3.6 B'rabta mal-Minuti li kienu għadhom kif inqraw, is-Sindku għarraf lill-Membri preżenti li fir-rigward tal-iSkemi Finanzjarja SPI/SCI/2/2021 - Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex kif ippubblikata s-sena l-oħra, il-Kunsill kien irċieva risposta għall-kjarifika mitluba, minħabba li l-applikazzjoni għaliha kienet ġiet misjuba mhux eleġibbli u fejn instab li fil-Minuti bi żvista ma kienx hemm indikazzjoni li l-Proġett kien approvat mill-Kunsill minkejja li kien diskuss, u għalhekk u sabiex il-Kunsill ikun f'pożizzjoni li jerġa' jissottometti l-applikazzjoni tiegħu b'rabta mal-iSkema Finanzjarja SPI/SCI/1/2022 mibgħuta u maħruġa mingħand id-Direttorat Strateġija u Implimentazzjoni tal-*Policy* fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali u datata 17 ta' Jannar 2022 ukoll dwar Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-*Playing Fields* fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex, simili għall-iskema kif ippubblikata s-sena l-oħra u li sar aċċenn għaliha aktar qabel, il-Kunsill approva fl-intier kollu tiegħu l-istess proġett tal-*Playing Field* fil-Kumpless Sportiv Raymond Mercieca kif oriġinarjament propost bit-tama li grazzi għal din l-iSkema Finanzjarja SPI/SCI/1/2022, din id-darba dan il-proġett jitwettaq għal godiment tar-Residenti u ta' dawk kollha li jżuru

l-Lokalità sabiħa ta’ Ta’ Kerċem, fl-istess waqt li s-Sindku rringrazzja lid-Direttur u l-iStaff kollu tad-Direttorat Strateġija u Implimentazzjoni tal-Policy fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali talli minn żmien għal żmien joffru dawn l-iskemi finananzarji għall-Kunsilli Lokali li saru indispensabbli sabiex Kunsill Lokali jkunu f’pożizzjoni li jwettaq proġetti ġodda ġewwa l-Lokalità tiegħu bħalma hija dik ta’ Ta’ Kerċem u l-irħajjel ta’ Santa Luċija.

542.3.7 B’rabta ukoll mal-*Playing Fields* u maċ-Ċirkulari MFER/51/2021 mibgħuta u maħruġa mingħand il-Ministeru għall-Ugwaljanza, ir-Riċerka u l-Innvazzjoni u datata 2 ta’ Frar 2022 dwar l-installazzjoni ta’ *Outdoor Ground Fixed Percussion Exhibits* bil-għan li tiġi promossa x-Xjenza bil-logħob minħabba li dawn l-erba’(4) tipi ta’ strumenti mużikali *Heavy Duty* u li jikkonsistu f’*Cherub*; *Cadenza Maya*; *Cavatina – Rainbow* u *Sansa – Rimba – Rainbow*, ikunu idealment installati fi *playgrounds* jew postijiet ta’ rikrejazzjoni aċċessibbli għall-Pubbliku, is-Sindku informa lill-Kunsill li din l-Applikazzjoni kienet tagħlaq il-Ġimgħa, 11 ta’ Frar, 2022 u li għaldaqstant il-Kunsill kien applika sabiex dan is-sett kollu ta’ erba’(4) *Outdoor Ground Fixed Percussion Exhibits* jiġu installati f’erba’(4) postijiet varji fi Ġnien il-Familja għall-godiment ta’ kull min jiffrekwenta dan il-post sabiħ.

542.3.8 Ukoll, u b’rabta maċ-Ċirkulari SPI/SCI/2/2022 mibgħuta u maħruġa mingħand id-Direttorat Strateġija u Implimentazzjoni tal-Policy fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali u datata 9 ta’ Frar 2022 dwar t-Tnedija mill-ġdid tal-*Community Inclusive Employment Scheme*(CIES), is-Sindku filwaqt li faħħar skemi bħal dawn li huma ntiżi sabiex jiġu offruti opportunitajiet ta’ xogħol lill-persuni bi bżonnijiet differenti, stqarr li għalkemm fil-passat il-Kunsill Lokali Ta’ Kerċem kien ipparteċipa fi skema simili u ħaddem persuna minn Għawdex, il-fatt li l-Kunsill Lokali Ta’ Kerċem ma huwiex f’pożizzjoni finanzjarja tajba li jassumi r-responsabbiltà li jonora l-kuntratt tal-impjieg fejn il-persuna impjegata għandha dritt għall-kuntratt indefinit ta’ impjieg wara erba’(4) snin ta’ servizz fl-eventwalità li din l-iskema ma ‘ tibqax fis-seħħ u għalhekk, sabiex ma terġax tirrepeti ruħha l-istess ġrajja kerha li kellu jgħaddi minnha hu personalment sabiex ġiet mifhuma lill-persuna mpjegata bl-istess Skema u lill-Familja kollha tagħha li l-Kunsill Lokali ma kienx f’pożizzjoni li jista’ jiggarantixxi aktar l-impjieg fl-istess waqt li stqarr li kemm ilu fil-kariga ta’ Sindku jidhirlu li dak kien l-aktar mument diffiċli li kellu jiffaċċja, stqarr ukoll li hu jħoss li din id-darba l-Kunsill ma jipparteċipax sabiex ma jiġrix l-istess ġaladarba s-sitwazzjoni finanzjarja ma nbidlitx u hija dik li hi, filwaqt li awgura li fil-futur il-Kunsill Lokali Ta’ Kerċem ikun f’pożizzjoni li jimpjega persuni bi bżonnijiet differenti għax hija ħafna x-xewqa tiegħu personalment u bħala Sindku li l-Kunsill joffri opportunità ta’ impjieg lill-persuna/i bi bżonnijiet differenti – Il-Kunsill innota l-kontenut filwaqt li l-Membri kollha kkondividew l-istess sentimenti tas-Sindku u b’dispjaċir mhux żgħir qabblu li l-Kunsill Lokali Ta’ Kerċem sfortunatament ma jipparteċipax f’din l-iskema.

542.3.9 Is-Sindku nforma lill-Membri preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mibgħuta mir-Reġjun Għawdex fejn tavża li b'rabta mas-Servizzi offruti mid-Dar Kenn għal Saħħtek ġewwa Għawdex, lil dawk il-persuni u qraba tagħhom li jkunu għaddejjin minn sitwazzjonijiet ta' *eating disorder* jew obesità, tistieden lill-Kunsilli interessati sabiex jaċċettaw li jilqgħu professjonisti fil-Bereġ jew Postijiet oħra tagħhom fejn jistgħu jingħataw dawn is-Servizzi, filwaqt li nforma lill-Membri preżenti li l-Kunsill kien diġà informa lir-Reġjun Għawdex li huwa nteressat f'dan l-għoti ta' servizz ieħor anċillari ġewwa l-Berġa.

542.3.10 Is-Sindku għarraf lill-Membri preżenti li, b'rabta mal-iSkema ta' Finanzjament 2022 *Urban Greening Scheme* minn Ambjent Malta fi ħdan il-Ministeru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar fejn jistiednu lill-Kunsill Lokali kollha sabiex jissottomettu l-applikazzjonijiet rispettivi tagħhom sat-Tnejn, 28 ta' Frar, 2022, id-Deputat Segretarju Eżekuttiv kien attenda waħda miż-żewġ sessjonijiet ta' tagħrif li nżammu appositament sabiex jingħata aktar tagħrif u li nstab li għal din l-iskema ma japplikax il-ko-finanzjament u li għaldaqstant, bħalissa huwa diffifċli ħafna sabiex il-Kunsill jimbarka fuq proġetti simili għalkemm il-Kunsill ser ikun qiegħed jikkunsidra biex għal darb'oħra japplika sabiex tissebbaħ il-parti tal-wied li hemm maġenb Triq Qasam San Ġorġ kif ukoll il-ħitan li għadhom kif ġew mibnija mill-ġdid – Il-Kunsill innota l-kontenut.

542.3.11 Ukoll, is-Sindku għarraf lill-Membri preżenti li, b'rabta mal-*E-mail* Ċirkulari AKL 2022/018 mibgħuta mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali(AKL) u datata 28 ta' Jannar, 2022 fejn ġiet mgħoddija l-*link* bl-informazzjoni li wieħed għandu bżonn sabiex japplika għall-fondi EAFRD-Miżura 4.3 sabiex issir manutenzzjoni ta' toroq rurali kif spjegat aktar fid-dettal mill-Aġenzija SEM waqt *webinar* organizzat mill-AKL għall-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali, il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem ikkuntattja lis-Servizzi Ewropej f'Malta(SEM) sabiex japplika għall-bqija ta' Triq l-Għadira biss min-naħa tas-SEM infurmaw lill-Kunsill li ma kienux qed jaċċettaw aktar applikanti u li għaldaqstant il-Kunsill ipprova jikkuntattja persuni privati sabiex jassistuh fl-Applikazzjoni iżda ma nstab ħadd filwaqt li d-Deputat Segretarju Eżekuttiv svela kif hu nfurmat li minħabba li l-fondi huma li huma, kif ukoll minħabba li għal dawn il-fondi hemm interessati *Infrastructure Malta* u *Rural Gozo*, kollox jindika li l-fondi ser ikunu eżawriti u għaldaqstant kien għalhekk li ma baqgħux jiġu aċċettati aktar applikazzjonijiet. – Il-Kunsill innota l-kontenut filwaqt li ġie maqbul li l-Kunsill jerġa' jikkunsidra li japplika taħt din il-Miżura meta jerġa' jkun hemm Sejħa simili fil-futur.

542.3.12 B'rabta maċ-Ċirkulari 02/2022 mibgħuta u maħruġa mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali u datata 4 ta' Frar 2022 dwar l-Għeluq tas-Sena Finanzjarja 2021, id-Deputat Segretarju Eżekuttiv fuq stedina tas-Sindku spjega lill-Kunsill kif minkejja li hu u l-impjegati tal-Kunsill kienu bagħtu dak kollu li kien fid-disponibilità tagħhom u li kien mitlub mill-*Accountant* tal-Kunsill, xorta kien għad fadal xi tagħrif jew rapporti li bilfors kienu jirrikjedu l-intervent tas-Segretarju

Eżekuttiv proprja u li għalhekk, wieħed jittama li dawn l-iStqarrijiet Finanzjarji jiġu konklużi fil-ġranet li ġejjin bit-tama ukoll li dawn jintbagħtu ukoll mill-aktar fis possibbli kif rikjest – Il-Kunsill innota l-kontenut

542.3.13 Ukoll, il-Kunsill rċieva *E-mail* Stedina mibgħuta mingħand il-G*ozo Regional Development Authority*(GRDA) u datata 31 ta' Jannar, 2022 fejn tistieden lis-Sindki kollha ta' Għawdex sabiex jattendu għall-Konferenza li ser tinżamm nhar il-Ħamis, 24 ta' Frar, 2022 bejn id-9a.m. u l-11a.m. ta' filgħodu ġewwa il-*Gozo Innovation Hub*, ix-Xewkija, biex jiġi varat id-Dokument – *EU Funding Opportunities Roadmap for Gozo* - Il-Kunsill innota l-kontenut.

542.3.14 Il-Kunsill rċieva ukoll *E-mail* Stedina oħra mibgħuta mingħand *EU & International Affairs Unit* tad-Direttorat Ġenerali fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali u datata 31 ta' Jannar, 2022 fejn tistieden lis-Sindki kollha ta' Għawdex sabiex jattendu għal Diskussjoni Pubblika li ser tinżamm nhar il-Ħamis, 24 ta' Frar, 2022 ukoll bejn id-6p.m. u l-7p.m. ta' filgħaxija ġewwa l-iSkola Primarja tax-Xewkija, bħala parti mill-attivitajiet nazzjonali tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, bit-tema – L-Ewropa li Nixtieq – Il-Kunsill innota l-kontenut.

542.3.15 Ukoll, il-Kunsill irċieva *E-mail* Ċirkulari AKL 2022/009 mibgħuta mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali(AKL) u datata 19 ta' Jannar, 2022 fejn tavża li l-Laqgħa Plenarja tal-istess Assoċjazzjoni kienet ser tinżamm bejn il-Ġimgħa u s-Sibt, 4 u 5 ta' Marzu, 2022 ġewwa post li jitħabbar aktar 'il quddiem – Il-Kunsill innota l-kontenut.

542.3.16 Il-Kunsill rċieva ukoll *E-mail* Stedina AKL 2022/026 mibgħuta mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali(AKL) u datata 18 ta' Frar, 2022 fejn tavża li għal sena oħra, il-Ministeru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u L-Ippjannar (MECP) qiegħed jingħaqad ma' pajjiżi oħra madwar id-dinja biex jiċċelebra l-attivita' tal-*Earth Hour 60+* u għalhekk jistieden lill-Kunsilli Lokali jipparteċipaw billi nhar is-Sibt 26 ta' Marzu, 2022, bħala ġest simboliku biex iħeġġeg lin-nies biex jieħdu azzjoni għall-problemi ambjentali, jintefa' id-dwal ta' monumenti, bini amministrattiv u żoni pubbliċi bejn it-8.30p.m. u d-9.30p.m. ta' filgħaxija - Il-Kunsill innota l-kontenut.l

542.3.17 Il-Kunsill rċieva ukoll *E-mail* Ċirkulari AKL 2022/015 mibgħuta mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali(AKL) u datata 16 ta' Frar, 2022 fejn tavża li ser tinżamm *videoconference* dwar *Sustainable Transport: Together Towards Cleaner Solutions* nhar il-Ħamis, 24 ta' Frar, 2022 - Il-Kunsill innota l-kontenut.

542.3.18 Ukoll, il-Kunsill irċieva *E-mail* Ċirkulari AKL 2022/022 mibgħuta mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali(AKL) u datata 14 ta' Frar, 2022 fejn tavża li nhar il-Ħamis, 24 ta' Frar, 2022 bejn l-4.00p.m. u l-5.30p.m. ta' filgħaxija, l-istess AKL ser tkun qed terġa' torganizza *Webinar* ieħor, bit-tema il-Kura fil-Komunità tal-Anzjani,

filwaqt li ukoll li tistieden sabiex dawk interessati li jattendu sabiex jirreġistraw – Il-Kunsill innota l-kontenut

542.3.19 Il-Kunsill rċieva ukoll *E-mail* Ċirkulari AKL 2022/025 mibgħuta mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali(AKL) u datata 15 ta’ Frar, 2022 fejn tavża li kienet ġiet varata il-Ġemma *Strategy 2022 – 2025* – Il-Kunsill innota l-kontenut.

## 542.4 Proġett ta’ Riġenerazzjoni tal-Pjazza San Girgor

542.4.1 Is-Sindku Mario Azzopardi bi pjaċir ħabbar li, hekk kif l-applikazzjoni sottomessa mill-ġdid b’rabta mal-iSkema Fondi LESA - Proġetti fil-Komunitajiet (Proġetti 2022) kienet ġiet milqugħa u l-Kunsill Lokali Ta’ Kerċem ġie infurmat li għall-Proġett ta’ Riġenazzjoni tal-Pjazza San Girgor,ser jingħata sa massimu ta’ €80,000, kif ukoll fuq talba tal-Kunsill ġie infurmat mill-Awtorità tal-Ippjanar li l-ammont fid-*Development Planning Fund* assoċjat mal-Kunsill Lokali Ta’ Kerċem kien ta’ €77,877.30 filwaqt li dak ta’ ‘Sebbaħ il-Lokal’ kien ta’ €50,000.00 u li dawn tal-aħħar iridu jintużaw sa Diċembru 2022, kif ukoll ġaladarba mistennija ssir r-rotta alternattiva għat-trakkijiet ġewwa l-Lokalità, kien diġà hemm il-ħsieb li jsir it-tant mistenni *water culvert* li jilqa’ *run-off water* tax-xita minħabba l-problemi endimiċi ta’ għarar fil-Lokalità ta’ Ta’ Kerċem u ukoll l-asfaltar tat-triq tal-Pjazza bil-għan ukoll li t-triq tkun tista’ tingħalaq u ssir żona pedonali matul ħinijiet varji tal-ġurnata, iħoss li wasal iż-żmien opportun li l-Kunsill jimbarka fuq il-proġett tant mistenni tar-Riġenerazzjoni tal-Pjazza San Girgor li ma’ dawn diġà msemmija jinkludi ukoll tibdil tal-Bankini minħabba li kif inhuma fil-verità huma żgombru tant li jirrendu l-Pjazza inaċċessibbli għal kollox u saħansitra perikoluża mmens; jimbarka ukoll fuq il-Proġett ta’ tisbiħ li jikkumplimenta u jagħmel il-bankini ġodda u aċċessibbli għal kulħadd b’konsultazzjoni u b’ċertifikazzjoni tal-Kumissjonini għad-Drittijiet ta’ Persuni b’Diżabilità(CRPD), kif ukoll isebbah il-Pjazza billi tinxtara *street furniture* li tinkludi *bollards*, *railings*, *bicycle racks* u *waste disposal recycling bins* f’ċertu żoni u fanali fuq stil antik jew dwal ieħor iżda *energy saving non-light polluting street lighting* kumplimentari mal-ambjenti tac-Ċentru Storiku u r-residenzi fost l-aktar antiki tal-Lokalità li jinsabu f’din il-Pjazza sabiex din il-Pjazza tkun mhux biss tista’ titgawda minn kulhadd iżda ukoll tinkoraġġixxi sabiex aktar negozji jiftħu fiha minħabba li ser tibda tkun l-uniku żona pedonali u spazzju urban miftuħ u rikreattiv fil-Lokalita ta’ Ta’ Kercem.

542.4.2 Is-Sindku, filwaqt li informa lill-Kunsill li kienet diġà nżammet laqgħa mal-Perit Gordon Vella u l-Inġinier Simon Mizzi sabiex jitħejja programm tax-xogħolijiet li mistennija li jinżammu b’rabta ma’ dan il-proġett, kif ukoll jippreparaw il-pjanti mill-ġdid u li kienu diġà tfasslu mill-istess Perit fil-passat b’rabta’ mar-*resurfacing* tal-Pjazza mill-Ministeru għal Għawdex sabiex din id-darba jinkludu ukoll dak kollu li ser isir f’din iż-żona, semma’ kif hekk kif jitħejja kollox kif ukoll stima tal-ispejjeż li mistennija li jiġi jammonta dan il-proġett fit-totalità tiegħu, il-Kunsill Lokali jkun

f'pożizzjoni li jevalwa dan il-proġett kif ukoll isejjaħ Laqgħa ta' Informazzjoni kemm mal-Għaqda tal-Armar kif ukoll mar-Residenti sabiex jiġi spjegat il-proġett kif ukoll jilqa' l-proposti tagħhom sabiex dan l-proġett ikun żgur ta' suċċess u li jirrifletti l-esiġenzi ul-bżonnijiet varji tal-Lokalità u tar-Residenti tiegħu.

542.4.3 Wara li tkompliet id-diskussjoni dwar dan il-proġett kif propost u kif diskuss mal-Perit, is-Sindku fakkar kif ukoll filwaqt li appella lill-Membri kollha tal-Kunsill sabiex jattendu għal-Laqgħa ta' Informazzjoni għall-Pubbliku b'rabta mal-proposta tar-Rotta alternattiva għat-trakkijiet li ser tinżamm nhar l-Erbgħa, 2 ta' Marzu, 2022 u li ser jattendi għaliha ukoll il-Ministru għal Għawdex, il-Perit Clint Camilleri, kif ukoll il-Perit Deborah Busuttil u Uffiċjali tal-Kumpanija li ġiet fdata bit-tħejjija tar-Rapport xjentifiku li filwaqt li jidentifika u jelenka l-problemi li r-residenti ta' Ta' Kerċem qegħdin u ilhom żmien isoffru, ir-Rapport għandu jinkludi ukoll studji xjentifiċi dwar l-impatti soċjali u ambjentali li dan it-traffiku qiegħed ikollu fuq il-kwalità tal-ħajja tar-residenti kif ukoll fuq il-Lokalità kollha ta' Ta' Kerċem inkluż Rapport tal-Perit dwar l-impatt tat-trakkijiet fuq l-infrastruttura tat-toroq tal-Lokalità.

542.4.4 Wara diskussjoni oħra pjuttost twila fejn ġie rivedut l-istess proġett, is-Sindku stqarr li hekk kif ittella' l-avviż fuq il-midja soċjali tal-Kunsill hu kien avviċinat minn resident li ġibidlu l-attenzjoni li minħabba li wara nofsinhar ikun hemm il-ħruġ tat-tfal mill-iskejjel, id-duttrina kemm fil-Parroċċa kif ukoll mill-MUSEUM, kif ukoll ħafna drabi funerali fil-Knisja Parrokjali, il-ħruġ tat-trakkijiet għandu idealment ikun filgħodu minn Ta' Kerċem u wara nofsinhar minn Santa Luċija proprju għar-raġunijiet li hu kien elenka.

542.4.5 Wara diskussjoni oħra pjuttost twila fejn ġie spjegat kif il-ħruġ u d-dħul tat-trakkijiet ma seta' qatt isir mill-istess rotta alternattiva u li t-trakkijiet mimlija u li l-aktar jikkawżaw problemi u inkonvenjent għar-residenti mhux ser jitħallew jidħlu aktar minn Ta' Kerċem iżda biss joħorġu u għalhekk fil-maġġor parti tagħhom dejjem ser ikunu vojta; minħabba ukoll li l-Membri preżenti kienu fehmu l-validità tal-proposta ta' dan ir-resident u li kienet misjuba valida u plawsibbli in kunsiderazzjoni maċ-ċirkustanzi tal-Lokalità; kif ukoll wara li l-Kunsillier Frankie Attard, bħala rappreżentant ukoll tal-Irħajjel ta' Santa Luċija, intalab jagħti l-opinjoni tiegħu ukoll; il-Membri qabblu li sabiex issir ġustizzja ma kulħadd kien jagħmel l-aktar sens li l-ħruġ tat-trakkijiet għandu jkun maqsum b'mod ugwali bejn iż-żewġ żoni ta' Ta' Kerċem u Santa Luċija billi filgħodu dawn joħorġu biss minn ta' Kerċem u wara nofsinhar joħorġu biss minn Santa Luċija, filwaqt li dwar il-ħinijiet ta' minn x'ħin sa x'ħin għandu jkun dan il-qsim tal-ħruġ, il-Membri qablu unimament li minn filgħodu sas-siegħa ta' wara nofsinhar, il-ħruġ tat-trakkijiet għandu jkun biss minn Ta' Kerċem, mentri mis-siegħa ta' wara nofsinhar 'il quddiem, il-ħruġ tat-trakkijiet għandu jkun biss minn Santa Luċija.

## 542.5 Offerti tal-Kunsill Lokali

542.5.1 B’rabta mal-Offerti kif ippubblikati mill-Kunsill, is-Sindku informa lill-Membri preżenti li dik tar-restawr tan-Niċċa tal-Madonna tal-Patri fi Triq Qasam San Pawl, inżamm *site meeting* fuq il-post mal-Perit u l-Kuntrattur sabiex eventwalment ġie ffirmat il-Kuntratt tant li mistennija jinbdew ix-xogħolijiet mill-Kuntrattur Stefano Sferrazzo, fil-ġranet li ġejjin wara li nħasset il-ħtieġa li jinżamm *meeting* ieħor mas-Supretendent tal-Wirt Kulturali u tingħata l-approvazzjoni tax-xogħolijiet; fir-rigward tal-Offerta għar-restawr tal-Għajn ta’ Għajn Tutà, din kienet ġiet ukoll evalwata u fil-ġranet li ġejjin mistenni jinżamm *site meeting* ukoll fuq il-post mal-Perit u l-Kuntrattur sabiex eventwalment jiġi ffirmat il-Kuntratt u eventwalment mistennija jinbdew ix-xogħolijiet mill-Kuntrattur Sultech & Co fil-ġranet li ġejjin wara li jinżamm *site meeting* ukoll mas-Supretendent tal-Wirt Kulturali u tingħata l-approvazzjoni tax-xogħolijiet; filwaqt li l-offerta għall-provvediment ta’ Tinda ir-Rapport tal-Evalwazzjoni kien konkluż u li l-Bord kien qiegħed jirrakkomanda li l-uniku offferent li kien hemm instab li hu fil-parametri tal-baġit kif ukoll teknikament konformi u li għalhekk din l-offerta għandha tingħata lil TEC Ltd għas-somma ta’ €26,950 VAT eskluża u li l-Kunsill approva; mentri b’rabta mal-Offerti l-ġodda u separati għall-ġnien/park ġewwa l-Għadira ta Sarrafflu, dawn l-offerti għalqu fit-12 ta’ Jannar, 2021 u fir-rigward tax-xogħolijiet ir-Rapport tal-Evalwazzjoni kien qiegħed jiġi konkluż proprju dak il-ħin u li l-Bord kien ser jirrakkomanda li l-Offferent mit-tnejn li l-Kunsill kien irċieva u li nstab li hu fil-parametri tal-baġit minħabba li l-ieħor ma kienx, kif ukoll li kien misjub teknikament konformi u li għalhekk din l-offerta għandha tingħata lilu, huwa *Little Rock Quarry Ltd* għas-somma ta’ €49,874 VAT eskluża u li minħabba l-urġenza tax-xogħolijiet il-Kunsill approva r-Rakkomandazzjoni proviżorja tal-Bord; filwaqt li b’rabta mal-Offerta tal-apparat tal-istess Proġett, din kienet għadha fis-suq u li kienet tagħlaq proprju fit-2 ta’ Marzu, 2022 u li għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jaħtar il-Bord tal-Evalwazzjoni li huma *Chairman* is-Sur William Sultana, u l-Membri l-Perit Robert Grech, Dr Joshua Grech u s-Sur Daniel Galea; fir-rigward tas-Sejħa għax-xiri ta’ *Community Van* minn fondi ta’ Skema Finanzjarja tad-Direttorat Strateġija u Implimentazzjoni tal-*Policy* fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali u Skema ta’ Transport Malta riservata għall-Vetturi tal-Elettriku kif ukoll parzjalment minn Skema Finanzjarja tar-Reġjun Għawdex, bħalissa qiegħed jiġi finalizzat id-dokument tas-Sejħa bit-tama li din tiġi ppubblikata fil-ġranet li ġejjin.

## 542.6 Ilmenti u Suġġerimenti

542.6.1 Is-Sindku informa lill-Membri li l-Kunsill kien irċieva talba sabiex jitwaħħal *street lighting* adegwat fi Triq Sarġ proprju bejn l-aħħar lanterna u s-sit fejn qiegħed jinbena l-Agrituriżmu minħabba li dik il-parti hija mudlama ħafna - Il-Kunsill

ikkunsidra li fil-Pjazza huwa mistenni li jsir proġett ta' riġenerazzjoni kif ukoll li din it-triq għandha sensittività ekoloġika u għalhekk il-Kunsill għandu jara li ma jinħoloqx inkwinament u għalhekk ġie deċiż li tintalab direzzjoni mill-ERA dwar x'tip ta' dwal l-aħjar li jsir f'dik iż-żona u li kemm-il darba ma jkunx hemm oġġezzjoni sabiex id-dwal isir bħal dak diġà installat fil-Lokalità ta' Ta'Kerċem, meta jinqalgħu l-lanterni tal-Pjazza San Girgor minħabba l-Proġett ta' Riġenerazzjoni, waħda minnhom tiġi nstallata fi Triq Sarġ kif mitlub.

## 542.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

542.7.1 Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 542.8 Materji Oħra

542.8.1 Is-Sindku informa lill-Membri preżenti li ma kienx hemm materji oħra għad-diskussjoni filwaqt li stqarr li hu jħoss li huwa importanti ħafna li tinżamm Laqgħa preferibilment qabel l-Elezzjoni Ġenerali li kif tħabbar ser tinżamm nhar is-Sibt, 26 ta' Marzu, 2022.

## 542.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

542.9.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-6.14pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa, 16 ta' Marz, 2022 fil-5pm. ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Mario Azzopardi | George Refalo |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |